


# Tifkiriet ta' Anniversarji li seħħew fis-snin 1886 u 1896

Kitba ta' George Bondin

Fis-sena 1886 kif ukoll 1896, fir-raħal ta' Ħal Luqa seħħew żewġ episodji li ħallew marka fuq iż-żewġ soċjetajiet mużikali ta' Ħal Luqa, l-Għaqda Mużikali *Sant'Andrija* u l-Għaqda Mużikali *l-Unione*. Xieraq għalhekk li din is-sena nfakkru dawn iż-żewġ ġrajjiet. Sfortunatament dawn kienu żewġ diżgrazzji li tefgħu lil dawn is-soċjetajiet f'niket kbir u lill-istess raħal f'luttu għal żmien twil. Għalkemm għaddew il fuq minn mitt sena, għadhom jissemmew sal-lum.

## GIUSEPPI MICALLEF: Fundatur u l-ewwel President tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.

Is-sena 2016 taħbat il-130 anniversarju mill-mewt b'incident tas-Sur Giuseppi Micallef. Dan Giuseppi Micallef kien qabel kollox Ħal Luqi, ġuvni ta' 37 sena, u twieled fis-sena 1848 minn Andrea u Pawla nee Farrugia. Missieru kien hu l-perit Francesco Micallef. Giuseppi kien il-kbir fost ħamest aħwa: Gio Franġisk, Salvu, Nikola u Cristina Cremona (xebba Micallef) li kienet il-mara ta' Gian Patist Cremona.

Sa minn ċkunitu Giuseppi wera ruħu intelliġenti ħafna u ma' sħabu kien dejjem meqjus bħala Kap. Wara li temm l-edukazzjoni sekondarja tiegħu kompla bl-istudji tiegħu u laħaq Spettur Sanitarju mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u kellu l-uffiċċju tiegħu fi Strada Rjali l-Belt Valletta, ħdejn il-Borża; bieb ma' bieb mal-każin tal-Banda *Nazionale Vincitrice* (Illum il-*Kings' Own Band*).

Giuseppi Micallef kien persuna ta' inizjattiva kbira u popolari ħafna. Fis-sena 1883, grupp ta' żgħażagħ immexxija minnu, waqqfu uffiċjalment is-*Societa e Filarmonica San Andrea*, u nħatar bħala l-ewwel president tagħha. Insibuh ukoll bħala Prokuratur tal-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura. Fiż-żmien li kien prokuratur tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, li kienet kibret ħafna, u fil-gazzetta *Malta* tat-3 ta' Settembru 1884, dehret ittra li tfaħħar lill-prokuratur Giuseppe Micallef għall-festa li għamel isbaħ mis-soltu.

F'April tal-1886, kien inqala' inċident bejn Giuseppi Micallef u ċertu kuċċier Paolo Magri. Jidher li dawn it-tnejn kellhom xi jgħidu fuq xi ħaġa banali, imma fil-furja tal-mument, Magri xejjer il-pipa taċ-ċaqquf li kellu u laqat lil Micallef f'għajnejh.



GIUSEPPI MICALLEF (1848-1886)

B'konsegwenza ta' dan, Micallef mhux ma kienx biss tilef għajnejh, imma minħabba l-infezzjoni li kienet ġabet magħha l-ferita, tilef ħajtu wkoll.

Il-gazzetta *Malta* tat-22 ta' Mejju 1886, ħabbret il-mewt ta' *"dak iż-żagħżugħ żvinturat li bejn wieħed u ieħor xahar ilu kien midrub f'għajnu minn kuċċier bil-kanna tal-pipa"*. Wara l-arrest ta' Paolo Magri kienet saret kawża urġenti kontra tiegħu. Kulħadd kien ħadha kontrih minħabba li kien ikkaġuna l-mewt ta' bniedem għal xejn b'xejn. Ta' dan l-inċident, Paolo Magri pattiha qares għax wara eghluq xahar minn dan l-inċident, l-istess Magri kien ġie kkundannat għal tnax-il sena ħabs b'xogħol iebes.

Giuseppi Micallef miet nhar l-20 ta' Mejju 1886 fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana, fl-età ta' 37 sena. Fil-funeral tiegħu, il-Banda Sant'Andrija wasslitu sal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa bid-daqq ta' marċi funebri u ġie midfun fl-istess knisja parrokkjali.

Wara l-mewt tal-mibki Giuseppi Micallef il-Banda Sant'Andrija ħatret president effettiv lil Mastru GioFranġisk Micallef, ħu l-mibki Giuseppi Micallef u missier il-perit Indri Micallef.[1]

### Sehem il-Banda Sant'Andrija fil-funeral ta' Antonio Spiteri bandist tal-Banda Unjoni

Anniversarju ieħor li ser infakkru huwa dak tal-120 sena mill-mewt b'diżgrazzja tal-bandist Antonio Spiteri fil-Każin tal-Banda l-*Unione* F'din id-diżgrazzja, għalkemm fl-eqqel tal-piki bejn iż-żewġ każini tal-banda, il-kumitat tal-Banda Sant'Andrija offra minn rajh is-servizz tal-banda biex takkumpanjah b'marċi funebri. Dan il-ġest intlaqa' bil-qalb mill-Kumitat tal-Banda l-*Unione*.

Dan kien il-bidu ta' użanza sabiħa li kienet imfaħħra minn kulħadd u l-unika f'Malta, li meta xi waħda miż-żewġ baned f'Ħal Luqa iġarrbu mewt ta' xi bandist minn tagħhom, kienet tkun il-banda l-oħra li tieħu ħsieb biex takkumpanja il-katavru b'marċi funebri.

Naraw x'kiteb is-sur Noè Ciappara dwar din id-diżgrazzja fil-manuskritt tiegħu: *Storja ta' Ħal Luqa - numru XVIII.*

***Fil-24 ta' Novembru 1896, kienet ġrat diżgrazzja kbira f'Ħal Luqa. Kienet qorbot il-festa ta' Sant'Andrija, iż-żewġ każini kienu qed jippreparaw biex jissollenizzaw bħas-soltu bil-briju u marċijiet brijużi tagħhom, tista' tgħid bl-impika ta' xulxin min ikabbar il-festa l-iktar.***

***Dak iż-żmien il-logħob tan-nar, bombi, murtali, gassijiet eċċ., kienu jaħdmuhom fil-każin stess b'periklu kbir. F'dik il-ġurnata tal-24 ta' Novembru, filgħaxija filwaqt li l-membri tal-Każin Unione kienu qegħdin jaħdmu dan in-nar, kif kienu qegħdin iħalltu xi kuluri, jaqbdilhom vampa u n-nar kollu li kellhom lest jieħu f'daqqa u bl-isplużjoni kbira tiegħu jiġġarrfu s-swali fejn kienu jaħdmu u jkorru dawk in-nies li kienu qegħdin jaħdmu dan in-nar.***

***L-isplużjoni nstemgħet mar-raħal kollu... Kulħadd ħareġ mill-ħwienet u mid-djar biex imorru jagħtu l-għajnuna f'din id-diżgrazzja. Il-qassisin u l-kappillan marru jiġru fuq il-post biex jagħtu l-assoluzzjoni jekk fil-każ kien hemm xi ħadd korrut gravi. Tal-każin l-ieħor ta' Sant'Andrija, ma baqgħux lura li jmorru huma wkoll biex jagħtu l-għajnuna meħtieġa lill-korruti biex isalvawhom minn ġol-ġebel imwaqqa'.***

***B'xorti tajba ma kienx hemm ħlief tlieta biss jaħdmu n-nar u dawn kienu Zanzu Alamango, Lorenzo Borg, u Antonio***

[1] Il-Perit Indri Micallef kien il-Perit li ħa ħsieb il-bini mill-ġdid tal-knisja ta' Ħal Luqa wara li ġġarfet bil-gwerra.

*Spiteri. L-iktar li kien korrut gravi, kien dan Antonio Spiteri, l-oħrajn ma kienux fil-periklu li jitilfu ħajjithom, it-tlieta ġew meħuda malajr il-Fermerija fil-Furjana. Illi l-għada stess tad-diżgrazzja dan Antonio Spiteri ta' 27 sena miet...*

*Għall-aħbar tal-mewt tiegħu, ir-raħal kollu waqa' f'niket u vistu kbir. Kulħadd wera ruħu f'dispjaċir kbir għal dina d-diżgrazzja kbira fir-raħal. Sħabu tal-każin l-Unione riedu li jagħmlulu funeral mill-ikbar kif tassew kien jimmeritah, li kien l-ewwel wieħed li tista' tgħid miet eroj tal-partit.*

*Dan Antonio Spiteri kien wieħed mill-bandisti tal-istess banda Unione, għalhekk kien xieraq li l-funeral tiegħu ikun akkumpanjat b'marċi funebri. Il-kumitat u l-bandisti tal-Banda Sant'Andrija ftehmu bejniethom biex jitolbu lill-Kumitat tal-Banda l-Unione, biex huma jieħdu parti fil-funeral billi jdoqqu huma l-marċi funebri u huma jakkumpanjaw wara t-tebut ta' seħibhom bl-istendarti u kuruni f'idejhom.*

*Il-Kumitat tal-Banda l-Unione laqgħu bil-qalb din l-offerta ġeneruża u ta' rispett tal-Kumitat tal-Banda ta' Sant'Andrija u għalhekk ġie ppreparat kollox kif kien xieraq isir dan il-funeral tal-ewwel bandist li miet b'diżgrazzja f'Ħal Luqa.*

*L-aħbar ta' din id-diżgrazzja kienet ġriet ma' Malta kollha. Il-każini tal-baned riedu jieħdu sehem ukoll fil-funeral bl-istendarti tal-banda tagħhom, kollha bagħtu l-kondoljanzi tagħhom lill-familja ta' dan il-bandist Antonio Spiteri. Kif ukoll lill-kumitat u lill-membri tal-Każin Unione ta' Ħal Luqa.*

*Kienet il-ġurnata tas-26 ta' Novembru 1896 wara nofsinnhar u l-misraħ tal-knisja kien fgat bin-nies tar-raħal kif ukoll ħafna oħrajn minn barra mir-raħal biex jaraw dan il-funeral.*

*Il-bandisti tal-Banda Sant'Andrija, il-Kumitat u xi membri oħra bl-istendarti, ħarġu mill-każin tagħhom li kien fejn (l-istatwa ta') Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu għaddew mit-triq imħarbta tar-Rixtellu, u waqfu fil-post tad-diżgrazzja li kien kantuniera Triq San Pawl u Triq ir-Rixtellu. Kien il-ħin tat-3.30 p.m. meta l-karru tal-mejjet wasal fejn in-nicċa tal-Karmnu fit-triq tal-Belt. Il-kleru ta' Ħal Luqa kien qiegħed jistenna wkoll il-wasla tal-mejjet u għalhekk wasal il-ħin ta' dan il-funeral.*

*Kollox kien imqassam għall-ordni, l-ewwel li mxew l-istendarti tat-tlett fratellanzi tar-raħal, imbagħad il-kleru kollu kompost minn abbatini, qassisin u l-kappillan Grima; u wara l-kleru imxiet il-Banda Sant'Andrija, iddoqq marċi funebri illi għall-ewwel kolpi tal-katuba, ħafna nisa u tfal li kien hemm iħarsu, beda jaqbżilhom id-dmugħ minn għajnejhom. Wara l-banda mexa t-tebut tal-mejjet fuq l-ispalla ta' erba' bandisti sħabu, wara t-tebut bandist ieħor kien iżomm f'baċir l-istrument li kien idoqq il-mejjet u mbagħad sħabu l-oħra l-bandisti, xi membri oħra tal-każin bl-istendarti u l-kuruni f'idejhom mexjin tnejn tnejn wara t-tebut u wara sħabu tal-Unione, imxew rappreżentanti tal-baned barranin li dawn komplew tawlu l-korteo tal-funeral.*

*Il-funeral baqa' tiela minn Triq San Pawl sal-Misraħ tal-Knisja; illi kien sar it-tieni li sar f'Ħal Luqa bid-daqq tal-marċi funebri mill-Banda Sant'Andrija, meta l-mejjet daħal fil-knisja il-Banda Sant'Andrija baqgħet iddoqq il-marċi funebri fuq iz-zuntier sakemm l-akkumpanjament kollu*

Il-funeral ta' Ġużeppi Briffa, ġurvni ta' 22 sena, bandist mal-Banda Sant'Andrija li miet fis-sena 1936 u ndifen fiċ-ċimiterju ta' Triq il-Belt Valletta. Is-soċjetà Filarmonica San Andrea u l-Korp Bandistiku tagħha akkumpanjawh bl-istandardi tagħha waqt li l-banda l-oħra tar-raħal L-Unjoni akkumpanjat b'marċi funebri. Din l-użanza taf il-bidu tagħha fis-sena 1896.





Gesù hanin atieh il mistrieh ta dejjem Ind. 100 jum.

CUMITAT, SOCI U BANDISTI
FIT-TALB TAGHOOM FTACRU FIR-RUH
TA
HUCOM IL BANDIST
**Antonio Spiteri**
LI GIE MAHSUD MIN DINA L'ART
FL'ETÀ ECH TENERA TA 27 SENA
B'DISGRAZIA
LI SARET FIL CASIN L'UNIONE
HAL LUCA
FIL 21 TA NOVEMBRU 1896
U HALLA JIBCHUH
MHUX BISS LIL MARTU U L'ULIEDU
IMMA IN-NIES COLLHA TAR-RAHAL
ANCHE DAUC COLLHA
LI CHIENU JAFUH

Santa tal-mewt ta' Toninu Spiteri

*ta' wara t-tebut daħal kollu fil-knisja u ġie midfun fl-istess knisja.*

*Wara din id-diżgrazzja il-Każin l-Unione kien mar għal xi żmien fi Triq Strada Parrocchiale sakemm reġgħu bnew is-swali l-inġarfa u rranġaw kollox bħalma kien qabel.*

*Xieraq li tibqa' mfakkra dika l-użanza tant sabiħa u edifikanti ta' bejn iż-żewġ baned ta' Ħal Luqa... kienet imfaħħra u ammirata minn kulħadd, li kienet unika f'Malta; li meta xi waħda miż-żewġ baned li jeżistu f'Ħal Luqa ġġarrab mewt ta' xi bandist minn tagħha, il-banda l-oħra tkun li tieħu ħsieb biex takkumpanja fil-funeral tiegħu b'marċi funebri; dina l-użanza tant sabiħa dejjem ġiet moqdija bil-qalb kollha; sew minn banda, kemm mill-oħra, bl-ikbar reqqa, fis-snin kollha ta' bejn 1896 - 1954. Illi wara din is-sena, minħabba xi drittijiet ta' bejniethom, dina l-użanza li kienet imfaħħra minn Malta kollha, kella tispiċċa ħesrem.*

**Referenzi:**

Jesmond Grech - L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija: Twelidha u Ġrajjietha; p. 44, 45 u 64.

Noè Ciappara - L-Istorja ta' Ħal Luqa; manuskritt XVIII, pp. 660-662, 670 - 674.

***Ħajr lill-Avukat Dr. Joseph Sapiano, LL.D., li għoġbu jislifna l-manuskritti tas-Sur Noè Ciappara u tal-għajnuna li dejjem jagħtina.***